

Brussell, 4 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

9700/26

MAR 80
TRANS 345
IND 367
POLMAR 47

NOTA

| | |
|--------------------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: 9381/26 | |
| Suġġett: | Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE - Approvazzjoni |

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-4 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat il-*Komunikazzjoni tagħha dwar l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE*¹, li tistabbilixxi viżjoni u kors ta' azzjoni biex jiġu ssalvagwardjati u tingħata spinta lill-industriji tal-manifattura marittima u tat-tbaħħir, tissaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni tagħhom u tiġi protetta l-kompetittività tagħhom.
2. Is-settur tal-manifattura marittima tal-Ewropa huwa mexxej globali fil-bini kumpless, ta' livell għoli u b'teknoloġiji avvanzati tal-bastimenti. Dan jixpruna l-innovazzjoni għal attivitajiet sostenibbli tat-trasport fuq l-ilma u tal-ekonomija blu u huwa l-pedament tat-tkabbir industrijali reġjonali.
3. Is-settur tat-tbaħħir tal-Ewropa huwa fornitur ewlieni ta' servizzi marittimi madwar id-dinja, jiżgura provvisti ta' oġġetti essenzjali, jippermetti l-kummerċ u jikkontribwixxi għall-indipendenza enerġetika tal-UE. Dan jiddetermina wkoll, flimkien ma' segmenti ta' trasport fuq l-ilma oħrajn, id-domanda għal prodotti u servizzi tal-manifattura marittima, u jifforma għażliet teknoloġiċi.

¹ 6987/26

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. L-ewwel abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tħejja mill-Prezidenza u tqassam lid-delegazzjonijiet fl-24 ta' Marzu 2026. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu (SWP) iddiskuta u żviluppa t-test tal-abbozz ta' konklużjonijiet matul il-laqgħat tiegħu tas-27 ta' Marzu, is-17 u l-24 ta' April, it-8, it-13 u t-22 ta' Mejju 2026, segwit mill-Coreper fis-27 ta' Mejju u t-3 ta' Ġunju.
5. Id-diskussjonijiet urew li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-potenzjal kbir tal-industriji tal-manifattura marittima u tat-tbaħħir bħala setturi strateġiċi għall-awtonomija, ir-reżiljenza, id-difiża, is-sigurtà ekonomika, il-prosperità, id-dekarbonizzazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-Ewropa. Fl-istess ħin, id-diskussjonijiet irriflettw ukoll il-ħtieġa li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-ispeċifitàjiet nazzjonali, reġjonali u lokali u l-prijoritajiet differenti fl-Istati Membri.
6. Matul in-negozjati, il-Prezidenza ħadmet biex jintlaħaq test ibbilanċjat li jqis il-fehmiet, il-prijoritajiet u t-tħassib kollha espressi mill-Istati Membri.
7. Fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jinsab fl-Anness ta' din in-nota u ddeċieda li jippreżentah lill-Kunsill TTE fit-8 ta' Ġunju 2026 għall-approvazzjoni.

III. KONKLUŻJONI

8. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-abbozz ta' Konklużjonijiet dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE, kif jinsab fl-Anness.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE²;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE³;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE - Prospettiva futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv"⁴;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE⁵;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prijoritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"⁶;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Industrija Ewropea kompetittiva li tixpruna l-futur ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tagħna"⁷
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani⁸

FILWAQT LI JFAKKAR li l-Ewropa hija kontinent fuq l-ilma u li l-manifattura marittima, it-tbaħħir, il-portijiet u s-servizzi relatati jiffurmaw ekosistema strateġika komprensiva għall-awtonomija strateġika, it-tmexxija industrijali u teknoloġika, ir-reżiljenza, il-kapaċitajiet ta' difiża, is-sigurtà ekonomika, il-prosperità, id-dekarbonizzazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar tal-Unjoni, inkluż ir-rwol tagħhom fit-tiżni tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista u s-sigurtà tal-enerġija;

² Dok. ST 6926/26

³ Dok. ST 6987/26

⁴ Dok. ST 8648/20

⁵ Dok. ST 9714/26

⁶ Dok. ST 9976/17

⁷ Dok. ST 10127/24

⁸ Dok. ST 15807/25

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza ta' ekosistema Ewropea tat-trasport fuq l-ilma b'saħħitha, innovattiva, kompetittiva u sostenibbli u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-isfidi relatati mal-kompetizzjoni globali, id-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, is-sigurtà u n-nuqqas ta' forza tax-xogħol;

FILWAQT LI JFAKKAR fid-Dikjarazzjoni ta' Lefkosia tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-Affarijiet Marittimi dwar it-Tisħiħ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Baħħara u l-Promozzjoni ta' Parteċipazzjoni Ugwali tan-Nisa fl-Industrija tat-Tbaħħir;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa għal azzjoni koordinata madwar l-Unjoni, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati;

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Industrijali Marittima tal-UE u JIRRIKONOXXIHA bħala qafas komprensiv għat-tisħiħ tal-ekosistema marittima u tan-navigazzjoni interna tal-UE; JILQA' u JAPPOĠĠA l-objettiv tiegħu li jsaħħaħ il-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza ta' din l-ekosistema.

I. BINI, TAGĦMIR U TISWIJA

2. JAPPOĠĠA t-tisħiħ tas-settur tal-manifattura marittima tal-UE għas-sovranià industrijali, ir-reżiljenza u t-tmexxija teknoloġika, filwaqt li jiġi ppreservat ambjent tas-suq globali miftuħ, ġust u kompetittiv.
3. JESPRIMI TĦASSIB dwar id-distorsjonijiet kummerċjali u s-sussidjar inġust minn pajjiżi terzi li jaffettwaw l-industrija marittimi tal-UE, inkluż id-disparitajiet fil-kostijiet marbuta mal-prezzijiet tal-enerġija, u JAPPELLA għar-riċerka dwar għażliet għat-tisħiħ tal-protezzjoni tal-bażi industrijali marittima tal-UE kontra kompetizzjoni inġusta, inkluż permezz ta' strumenti eżistenti għad-difiża tal-kummerċ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u tiġi appoġġata l-kompetittività Ewropea, f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali, meta jitqies li r-Regolament (UE) 2016/1035 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet inġurjużi ta' bastimenti ma jistax jiġi applikat minħabba n-nuqqas ta' ratifika tal-Ftehim tal-OECD dwar il-Bini ta' Bastimenti tal-1994⁹.

⁹ Ftehim li Jirrispetta l-Kundizzjonijiet Kompetittivi Normali fl-Industrija tal-Bini u t-Tiswija ta' Bastimenti Kummerċjali (1994); [Strumenti Legali tal-OECD](#)

4. JIRRIKONOXXI li sehem sostanzjali tal-fornituri tat-tagħmir u t-teknoloġija fil-katina tal-valur marittima huma Ewropej; JIRRIKONOXXI li ż-żamma u t-tiŝhih ta' massa kritika ta' kapaċitajiet ta' manifattura marittima fl-Ewropa, bħall-bini u d-disinn tal-bastimenti, it-tiswija tal-bastimenti, il-konverżjoni, il-manutenzjoni, il-modifika retroattiva, ir-riċiklaġġ, it-tagħmir marittimu u l-inġinerija tal-oċeani, kif ukoll l-integrazzjoni tas-sistemi u s-servizzi ta' sottokuntrattar relatati tul il-katina tal-valur marittimu huma essenzjali għall-prosperità, is-sovranità, l-awtonomija strateġika u t-tmexxija teknoloġika tal-Unjoni, u JISSOTTOLINJA li l-fornituri tat-tagħmir u t-teknoloġija b'portafolli diversifikati lil hinn mill-applikazzjonijiet strettament marittimi jenħtieġ li jkunu koperti wkoll b'mod adegwat minn miżuri rilevanti.
5. JAPPELLA għal użu strateġiku tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u tal-offerti sabiex tissaħħaħ il-manifattura marittima tal-UE u jiġu appoġġati l-kompetittività u r-reżiljenza tal-katina tal-valur marittima, inkluż, fejn xieraq, l-użu mmirat ta' rekwiżiti mhux marbuta mal-prezzijiet bħas-sostenibbiltà, iċ-ċirkolarità u l-kontenut Ewropew, filwaqt li jiġu rispettati r-regoli tas-suq intern, l-obbligi internazzjonali u l-prijoritajiet nazzjonali.
6. JAPPOĠĠA t-tnedija ta' Alleanza tal-Ktajjen tal-Valur Marittimi Industrijali tal-UE u JINKORAĠĠIXXI l-istabbiliment rapidu tagħha biex titrawwem il-kooperazzjoni industrijali u jiġu identifikati prijoritajiet strateġiċi ta' investiment, filwaqt li jiġi żgurat l-involviment b'saħħtu tal-industrija u tal-istati membri, b'mandat ċar u qafas ta' governanza. JAPPELLA għall-iżvilupp ta' raggruppamenti marittimi nazzjonali u reġjonali li jlaqqgħu flimkien tarzni, manifatturi ta' tagħmir, SMEs, ċentri ta' riċerka, universitajiet, uffiċċji tad-disinn, istituzzjonijiet finanzjarji u awtoritajiet pubbliċi. Ekosistemi bħal dawn jistgħu jaċċelleraw l-innovazzjoni, itejbu l-kooperazzjoni industrijali, isaħħu l-ktajjen tal-provvista u jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzi, speċjalment għall-SMEs.
7. JAPPOĠĠA t-tnedija tal-inizjattiva "Shipyards of the Future" ("Tarzni tal-Futur"), inkluż permezz ta' Orizzont Ewropa, u JAPPELLA għall-adozzjoni aċċellerata ta' teknoloġiji diġitali, nodfa u ċirkolari, inkluż teknoloġiji xprunati mill-IA u ta' sensuri, l-awtomatizzazzjoni, ir-robotika u soluzzjonijiet ta' manutenzjoni intelliġenti fit-tarzni. JAPPELLA wkoll għal miżuri ddedikati għat-tarzni żgħar u ta' daqs medju, b'mod partikolari fir-reġjuni ta' koeżjoni, il-gżejjer u ż-żoni periferiċi, sabiex jiġu appoġġati t-trasformazzjoni diġitali, l-awtomatizzazzjoni, it-teknoloġiji nodfa, il-kapaċità ta' modifika retroattiva u l-parteċipazzjoni fil-ktajjen tal-valur tal-UE.

8. JENFASIZZA l-importanza li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi, inkluż permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-UE li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex jiġu ffaċilitati l-espansjoni industrijali u l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni.
9. JILQA' l-iżvilupp ta' riżerva koordinata ta' domanda pubblika u strateġika, inkluż fejn xieraq, biex jiġu appoġġati s-sostenibbiltà u l-kompetittività fit-tul tat-tarzni Ewropej inkluż permezz ta' sinerġiji b'użu doppju, mingħajr ma jiġi impost piż amministrattiv addizzjonali.
10. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' approċċi modulari ta' kostruzzjoni, standardizzazzjoni u produzzjoni tas-serje biex tissaħħaħ l-effiċjenza, kif ukoll l-importanza li ssir enfasi fuq segmenti tas-suq ta' valur għoli bħal bastimenti tal-kruċieri, laneċ, bastimenti militari, bastimenti ta' appoġġ għall-enerġija eolika fuq il-baħar u pjattaformi ta' konverżjoni, bastimenti għat-tqegħid tal-kejbils, bastimenti tar-riċerka, bastimenti tat-tħammil, inġenji rikreattivi, bastimenti li jkissru s-silġ u bastimenti tal-Artiku, u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni tal-UE f'bastimenti avvanzati u b'emissjonijiet baxxi u żero, u JAPPELLA biex tingħata prijorità lill-investment fil-bini avvanzat tal-bastimenti, fis-sistemi ta' propulsjoni nadifa u fir-raggruppamenti tal-innovazzjoni fuq l-ilma biex tiġi żgurata l-kompetittività globali. JIRRIKONOXXI wkoll l-importanza strateġika tal-laneċ, il-bastimenti RoPax u l-bastimenti tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra għall-konnettività Ewropea, il-koeżjoni territorjali, it-tnejjija għall-emerġenzi u l-mobbiltà militari, u jappella għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni Ewropea f'dawn is-segmenti.
11. JINNOTA li 97 % tal-flotta dinjija tal-bastimenti tal-kruċieri hija mibnija fl-Ewropa u li l-kruċieri jirrappreżentaw 80 % tal-valur tal-ktieb tal-ordnijiet tal-bastimenti kummerċjali għat-tarzni Ewropej, li jagħmel il-kruċieri essenzjali biex jinżammu u jissaħħu l-kapaċitajiet kumplessi Ewropej tal-bini tal-bastimenti kif ukoll tat-tagħmir tal-baħar fir-raggruppament marittimu Ewropew b'mod ġenerali.
12. JAPPELLA għal allinjament internazzjonali msaħħaħ għar-riċiklaġġ tal-bastimenti, inkluż koerenza msaħħa bejn il-Konvenzjoni ta' Hong Kong u l-Konvenzjoni ta' Basel u bl-għan li jintlaħaq allinjament sħiħ bejn ir-regoli internazzjonali u r-Regolament tal-UE dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti¹⁰, u JAPPOĠĠA l-isforzi biex titkabbar il-kapaċità ta' riċiklaġġ sostenibbli inkluż fl-UE, FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol tagħha fl-iżgurar ta' materja prima sekondarja u l-preservazzjoni tal-għarfien teknoloġiku fl-Ewropa.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE

13. JISTIEDEN lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-investimenti li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u JINKORAĠĠIXXI lill-industrija biex ittejjeb id-diġitalizzazzjoni, il-modularità u l-kooperazzjoni fil-katina tal-valur.
14. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-SMEs, inkluż it-tarzni żgħar u ta' daqs medju, il-manifatturi speċjalizzati tat-tagħmir marittimu, il-fornituri tat-teknoloġija tal-baħar u s-sottokuntratturi fi swieq speċjalizzati inkluż attivitajiet ta' bini ġdid u modifika retroattiva li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni u l-innovazzjoni.
15. IFAKKAR fl-importanza tal-ippjanar spazjali marittimu integrat u l-kapaċità adegwata tal-baċiri biex jiġu appoġġati l-manutenzjoni u s-servizzjar ta', fost l-oħrajn, bastimenti navali u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħtiġijiet industrijali u tat-trasport marittimi, jitqiesu b'mod adegwat.

II. TRASPORT U KONNESSJONI

16. JISSOTTOLINJA r-rwol strateġiku tat-trasport fuq l-ilma għall-konnettività u l-kummerċ tal-UE u globali, filwaqt li jenfasizza l-importanza ċentrali tiegħu għas-sigurtà ekonomika, l-awtonomija strateġika, l-integrazzjoni tas-suq intern tal-UE, kif ukoll il-kontribut essenzjali tiegħu għar-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista; JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li jinżamm qafas stabbli u prevedibbli ta' għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, bħala element ewlieni fis-salvagwardja tal-kompetittività globali tat-trasport marittimu Ewropew, u JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni fil-livell globali u li tiġi ppreservata l-kompetittività globali tat-trasport marittimu Ewropew.
17. JENFASIZZA r-riskju ta' distorsjonijiet kompetittivi, inkluż id-devjazzjoni tat-traffiku lejn portijiet f'pajjiżi terzi, u l-ħtieġa ta' miżuri xierqa biex jittaffew tali riskji, filwaqt li jitqies l-esponiment tas-settur marittimu għall-kompetizzjoni internazzjonali u r-rwol ċentrali tiegħu fil-ktajjen loġistiċi globali.
18. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-konnettività marittima għall-gżejjer, l-Istati Membri gżejjer, ir-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi, u l-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej, inkluż permezz ta' obbligi ta' servizz pubbliku, għall-koeżjoni territorjali, is-sigurtà tal-provvista u t-turiżmu.

19. JIRRIKONOXXI li s-sidien tal-bastimenti Ewropej huma muturi ewlenin tad-domanda fl-ekosistema industrijali marittima kollha u l-importanza li tinżamm flotta Ewropea kompetittiva u attraenti, inkluż taħt il-bnadar tal-UE, biex jiġu żgurati s-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista u l-kompetittività globali, u JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tas-settur bil-massa jew mingħajr korsa regolari, li jammonta għal 75 % tat-tbaħħir tal-UE, fis-salvagwardja tas-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel tal-Istati Membri tal-UE; JENFASIZZA l-importanza ta' segmenti speċifiċi bħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, RoRo u RoPax b'mod partikolari b'appoġġ għall-konnettività tal-gżejjer, il-konnessjonijiet marittimi strateġiċi u s-servizzi ta' koeżjoni territorjali għall-ktajjen tal-provvista, il-mobbiltà u bħala postijiet ta' ttestjar għal fjuwils alternattivi u teknoloġiji innovattivi, kif ukoll laneċ u bastimenti tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra għall-konnettività Ewropea, il-koeżjoni territorjali, it-tnejjija għall-emerġenzi u l-mobbiltà militari, u JIRRIKONOXXI l-potenzjal tagħhom li jevolvu f'segmenti ta' valur għoli, inkluż f'kuntest ta' użu doppju u JAPPELLA għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-produzzjoni Ewropea f'dawn is-segmenti.
20. JISĦAQ li, fil-każ tal-adozzjoni ta' miżuri globali f'konformità mal-għanijiet tal-Istrateġija tal-OMI tal-2023 dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra mill-Bastimenti, ser ikunu meħtieġa adattamenti xierqa għar-Regolament FuelEU Maritime, ir-Regolament MRV u l-EU ETS Marittima sabiex jiġu evitati b'mod effettiv il-pagamenti finanzjarji doppji u l-piżijiet amministrattivi u biex jiġu żgurati implimentazzjoni armonizzata u koerenza mar-regolamenti internazzjonali filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-kompetittività tas-settur marittimu Ewropew u l-objettivi tal-Unjoni biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050; u JINKORAĠĠIXXI s-simplifikazzjoni, fejn xieraq, tal-oqfsa ta' monitoraġġ, rapportar u verifika taħt l-EU ETS Marittima u FuelEU Maritime.
21. JINNOTA l-importanza li tiġi ppreservata s-sistema ta' klassifikazzjoni rikonoxxuta tal-UE bħala l-pedament tal-assigurazzjoni tas-sikurezza fil-kuntest ta' tbaħħir ta' kwalità għolja kif imsemmi fl-Istrateġija Marittima Industrijali, u JENFASIZZA li l-arranġamenti ta' Rikonoxximent Reċiproku għandhom jibqgħu limitati għal tagħmir mhux kritiku għas-sikurezza sabiex jinżamm l-oġġla livell ta' sikurezza u fiduċja.

22. JAPPELLA għal sforzi msaħħa biex jittejjeb l-aċċess għas-suq għas-servizzi tat-tbaħħir Ewropej, inkluż permezz tal-użu effettiv tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE u appoġġ adatt għal arranġamenti marittimi bilaterali kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.
23. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-livell internazzjonali dwar il-punti ta' konġestjoni marittimi u s-sħubijiet globali.
24. JAPPOĠĠA l-istabiliment ta' Korsiji u Ċentri tat-Tbaħħir Ekoloġiċi tal-UE u l-użu koordinat ta' fjuwils marittimi sostenibbli, inkluż soluzzjonijiet innovattivi għal teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi.
25. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' oqfsa tranżizzjonali prevedibbli għall-użu ta' fjuwils u teknoloġiji alternattivi, filwaqt li jitqiesu d-disponibbiltà u l-iżvilupp tal-infrastruttura tagħhom, sabiex jiġu evitati r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u t-tfixkil fil-konnettività; JIRRIKONOXXI li l-kostijiet tat-tranżizzjoni jista' jkollhom impatti fuq il-konnettività u l-prezzijiet, b'mod partikolari għall-ekonomiji tal-gżejjer, tal-Istati Membri gżejjer, tar-reġjuni mdawwrin bis-silġ u dawk ultraperiferiċi; JAPPELLA għal miżuri ta' appoġġ immirati biex itaffu l-impatti sproporzjonati.
26. JISĦAQ li d-dekarbonizzazzjoni tat-tbaħħir tirrikjedi l-involviment attiv tal-atturi kollha fil-katina tal-valur tat-trasport fuq l-ilma, inkluż il-produtturi u l-fornituri tal-fjuwil, u JENFASIZZA l-importanza li tiġi żgurata d-disponibbiltà f'waqtha ta' fjuwils alternattivi sikuri u sostenibbli fi kwantitajiet suffiċjenti u bi prezzijiet kompetittivi. JINNOTA li d-disponibbiltà u l-infrastruttura għall-bunkering ta' fjuwils ġodda jiddependu fuq l-adozzjoni mis-suq ta' tali fjuwils.
27. IFAKKAR fl-importanza li jintuża d-dħul tal-EU ETS għal finijiet relatati mal-klima u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali, biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu tul il-katina tal-valur, inkluż il-kumpaniji tat-tbaħħir, it-tarzni, il-proġetti ta' modifika retroattiva, il-manifatturi tat-tagħmir, il-fornituri tat-teknoloġija, il-fornituri tal-fjuwil u l-portijiet, u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mid-dħul iġġenerat mill-inklużjoni tat-tbaħħir fl-EU ETS biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur, inkluż it-tiġdid tal-flotta, il-modifika retroattiva ekoloġika, is-servizzi tat-trasport marittimu tal-gżejjer, il-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tal-enerġija tal-portijiet.

28. JENFASIZZA l-importanza ta' standards għoljin ta' sikurezza marittima, inkluż tbaħħir ta' kwalità permezz ta' implimentazzjoni u infurzar effettivi tal-leġislazzjoni, u JAPPOĠĠA aktar ħidma fuq oqfsa ta' sikurezza fid-dawl ta' fjuwils u teknoloġiji ġodda.
29. JAPPELLA għas-simplifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, inkluż iċ-ċertifikati diġitali u inkluż l-implimentazzjoni sħiħa tas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe) u l-interkonnnettività futura tal-Pjattaforma tad-Data Doganali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq il-miżuri ta' implimentazzjoni li fadal u tevita piżijiet amministrattivi addizzjonali għas-settur marittimu; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri lejn is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar nazzjonali u tal-UE, f'konsultazzjoni mal-industrija marittima u tal-portijiet.
30. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jlestu l-implimentazzjoni tal-EMSWe u jissimplifikaw ir-rekwiżiti ta' rapportar.

III. SIGURTÀ U PROTEZZJONI

31. JIRRIKONOXXI ż-żieda fit-theddid għas-sigurtà marittima u r-riskju sinifikanti li l-flotta mistura¹¹ toħloq għas-sikurezza u s-sigurtà marittima, l-infrastruttura marittima kritika u l-ambjent tal-baħar; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-UE ssaħħaħ ir-reżiljenza, il-preparatezza u l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha, inkluż kontra t-theddid ibridu fil-qasam marittimu u billi ssaħħaħ l-għarfien tas-sitwazzjoni; JENFASIZZA l-importanza li tiġi protetta l-infrastruttura marittima kritika, filwaqt li tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista, b'mod partikolari fid-dawl tal-isfidi ġeopolitiċi li qed jevolvu. JAPPELLA għal kooperazzjoni ċivili-militari msaħħa u sħubijiet internazzjonali biex tiġi żgurata s-sigurtà marittima.
32. JAPPOĠĠA, fejn xieraq, it-tiżiħ tal-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi navali, inkluż permezz ta' inizjattivi rilevanti tal-UE.

¹¹ Kif definit fir-Riżoluzzjoni A.1192(33) tal-OMI

33. JENFASIZZA l-importanza li tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar id-dominju marittimu permezz tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji u sistemi avvanzati, inkluż it-tagħmir, is-software, il-proċeduri operazzjonali u l-ħiliet meħtieġa biex tissaħħaħ ir-reżiljenza ġenerali permezz ta' approċċ ta' sorveljanza f'diversi dominji inkluż elementi taħt il-baħar, tal-wiċċ, tal-ajru u tal-ispazju; JAPPOĠĠA skambju mtejjeb tad-data u sistemi interoperabbli bejn l-atturi ċivili u militari biex tinħoloq stampa marittima komuni.
34. JENFASIZZA l-importanza tat-teknoloġiji u l-infrastruttura ta' taħt l-ilma, kif ukoll l-iżvilupp ta' kapaċitajiet marittimi b'użu doppju biex tissaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tirrispondi għal theddid ibridu, ċibernetiku u ġeopolitiku fil-qasam marittimu.
35. JIRRAKKOMANDA approċċ koordinat tal-UE għall-iżvilupp ta' infrastruttura li taqdi kemm il-ħtiġijiet ċivili kif ukoll dawk militari, fil-baċiri tal-baħar u r-reġjuni Ewropej kollha, b'mod partikolari dawk li huma strateġikament sensitivi, u JIRRIKONOXXI l-importanza ta' bastimenti b'użu doppju, inkluż laneċ, b'rilevanza partikolari għar-reżiljenza tal-gżejjer, it-tnejjija għall-emerġenzi, il-protezzjoni ċivili u r-rotot tal-baħar strateġikament importanti, u JILQA' t-tiħiħ tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u sorveljanza.
36. JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni tat-Tbaħħir Fuq Distanzi Qosra fit-tiħiħ tar-reżiljenza tas-sistema Ewropea tat-trasport u t-tiħiħ tal-konnettività reġjonali u JINKORAĠĠIXXI aktar miżuri biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tagħha, inkluż billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi.
37. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-inizjattivi tal-UE biex isaħħu s-sigurtà marittima u l-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom; JISTIEDEN lill-Kummissjoni talloka riżorsi sabiex jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' appoġġ għall-kostruzzjoni ta' laneċ b'użu doppju.
38. JESPRIMI TĦASSIB dwar l-ammonti kbar ta' munizzjon mhux sikur fl-ilmijiet kostali u l-oċeani Ewropej u internazzjonali li qabel kienu mormija fil-kuntest ta' gwerer u kunflitti militari. JINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-industriji biex titqajjem kuxjenza akbar bl-għan li jiġu promossi b'mod konġunt soluzzjonijiet tekniċi u l-applikazzjonijiet tagħhom li jippermettu l-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u, jekk possibbli, l-irkupru u r-rimi ta' munizzjon mormi b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

IV. AĊĊESS GĦALL-INNOVAZZJONI

39. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-innovazzjoni biex tinżamm it-tmexxija tal-UE fit-teknoloġiji marittimi u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, u JENFASIZZA l-importanza tal-promozzjoni tal-investment, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku fis-settur tat-trasport fuq l-ilma, bħala muturi ewlenin tal-kompetittività u s-sostenibbiltà.
40. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji globali għal teknoloġiji emerġenti, inkluż l-elettrifikazzjoni, il-qbid tal-karbonju, il-propulsjoni mir-riħ, l-idroġenu u teknoloġiji ta' propulsjoni alternattivi oħra, bħat-teknoloġiji nukleari, filwaqt li jiżgura approċċ teknoloġikament newtrali li jippermetti lill-innovazzjoni tagħmel progress f'konformità mal-ħtiġijiet tas-suq u r-rekwiżiti tas-sikurezza.
41. JAPPOĠĠA l-innovazzjoni f'bastimenti awtonomi sikuri u mħaddma mill-bogħod u applikazzjonijiet tar-robotika ta' taħt l-ilma u aċċess imtejjeb għal ambjenti tal-ittejtjar u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja.
42. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal appoġġ b'saħħtu għar-riċerka u l-innovazzjoni, li jibni fuq sħubijiet u programmi pubbliċi-privati eżistenti, inkluż il-kontinwità tas-Sħubija dwar it-Trasport fuq l-Ilma b'Emissjonijiet Żero (ZEWT) u networks relatati, filwaqt li jiġi żgurat li l-finanzjament tal-innovazzjoni jissarraf b'mod effettiv f'titjib u użu industrijali u jappoġġa l-kapaċità tal-produzzjoni anke fl-ekonomija blu usa', inkluż is-sajd u t-teknoloġiji emerġenti tal-enerġija mill-oċeani, foqsmha bħall-effiċjenza enerġetika, id-diġitalizzazzjoni u s-sikurezza, u JENFASIZZA l-importanza li jiġu indirizzati ostakli mhux tekniċi bħal restrizzjonijiet regolatorji, rekwiżiti operazzjonali u inkonsistenzi transfruntiera li jillimitaw l-użu fuq skala kbira.
43. JILQA' l-inizjattivi biex jiġi mmappjat u estiż l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka għall-SMEs u l-innovaturi. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-assi teknoloġiċi u l-għarfien espert tal-UE.
44. JAPPOĠĠA l-ħolqien ta' laboratorji tal-ittejtjar tal-UE, proġetti pilota u pjattaformi ta' dimostrazzjoni għal laneċ, bastimenti ibridi, bastimenti elettriċi, tarzni intelliġenti u soluzzjonijiet marittimi diġitali, bil-parteeċipazzjoni attiva tal-Istati Membri gżejjer.

V. AĊĊESS GĦALL-FINANZI U L-INVESTIMENT

45. JIRRIKONOXXI l-ħtiġijiet sinifikanti ta' investiment għad-dekarbonizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni industrijali, inkluż il-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza, il-prevedibbiltà u ċ-ċertezza legali għall-operatori ekonomiċi, u JENFASIZZA l-ħtieġa li l-istrumenti finanzjarji tal-UE jappoġġaw u jnaqqsu r-riskju tal-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur marittimu, inkluż il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fjuwils tal-baħar sostenibbli u l-iżvilupp ta' teknoloġiji emerġenti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.
46. JAPPELLA għal aktar titjib fil-Fond għall-Innovazzjoni, bil-ħsieb li jissaħħaħ l-aċċess għas-segmenti kollha tat-tbaħħir, b'mod partikolari l-SMEs, u JAPPELLA għal approċċ aktar immirat li jieħu kont tal-karatteristiċi speċifiċi ta' segmenti differenti tat-tbaħħir, inkluż is-settur bil-massa jew mingħajr korsa regolari, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati strumenti finanzjarji u miżuri ta' appoġġ li jiżguraw aċċess effettiv għall-finanzjament għall-SMEs fis-settur tat-trasport fuq l-ilma, inkluż il-laneċ u t-tbaħħir fuq distanzi qosra li jaqdu l-konnettività tal-gżejjer u JAPPELLA għal aktar ċarezza u aċċessibbiltà rigward id-diversi strumenti u mekkaniżmi ta' finanzjament tal-UE disponibbli għas-settur marittimu, bil-ħsieb li jiġi żgurat l-użu effettiv tagħhom mill-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati tal-industrija. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-finanzjament tal-bini ġdid, it-tiġdid tal-flotta, il-modifika retroattiva, il-konverżjoni, l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni relatati mat-tiswija u t-titjib tat-tagħmir tul il-katina tal-valur industrijali marittima, b'mod rilevanti kemm għat-tbaħħir fuq distanzi qosra kif ukoll għat-tbaħħir fl-oċeani.
47. JISSOTTOLINJA li d-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu teħtieġ investiment sostanzjali fuq perjodu ta' tranżizzjoni mtawwal inkluż biex jiġu mmodernizzati l-flotot Ewropej, tiġi aġġornata l-infrastruttura u jittejbu l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-fjuwils marittimi sostenibbli u JENFASIZZA l-importanza li jiġu ffaċilitati l-modernizzazzjoni u t-trasformazzjoni industrijali tat-tarzni u l-industriji marittimi Ewropej li jwettqu proġetti ġodda ta' bini, modifika retroattiva u konverżjoni.
48. JILQA' l-inizjattivi ta' finanzjament tal-UE, inkluż is-sejħiet tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-appoġġ mill-Fond għall-Innovazzjoni u l-mobilizzazzjoni ta' InvestEU.

49. JAPPOĠĠA l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament pubbliku u privat, inkluż permezz ta' pjattaformi konsultattivi u riżervi ta' proġetti, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat li l-oqfsa regolatorji u l-miżuri ta' appoġġ ikunu realistiki, adatti għall-iskop tagħhom u allinjati mal-kapaċitajiet tas-suq mingħajr ma jitnaqqsu s-salvagwardji regolatorji, u JENFASIZZA l-ħtieġa għal mekkaniżmi ta' appoġġ stabbli u trasparenti li jippermettu ppjanar industrijali fit-tul u, JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, lill-UE u lis-settur privat biex jiżviluppaw alternattiva Ewropea għall-mudell ta' kiri użat f'pajjiżi terzi.
50. JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali, jikkunsidraw li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni marittima u l-investimenti industrijali, inkluż billi jidentifikaw kandidati potenzjali għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI).
51. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal finanzjament stabbli u fit-tul, speċjalment għall-SMEs, u għal strumenti ta' finanzjament aktar koerenti; IĦEĠĠEĠ is-simplifikazzjoni tal-programmi ewlenin ta' finanzjament tal-UE, inkluż il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, Orizzont Ewropa, InvestEU u l-Fond għall-Innovazzjoni, u t-tneħħija tal-ostakli regolatorji; JENFASIZZA l-importanza tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività futur biex jixpruna d-dekarbonizzazzjoni, l-użu ta' teknoloġija ġdida u t-tmexxija industrijali tal-UE. JINKORAĠĠIXXI l-eżami tal-possibiltajiet ta' appoġġ għat-teknoloġiji marittimi Ewropej; u JENFASIZZA l-ħtieġa għal finanzjament aċċessibbli mfassal apposta għall-ekonomiji żgħar, insulari, tal-Istati Membri gżejjer, tar-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi, kif ukoll l-ekonomiji tal-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej.
52. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' għodod ta' finanzjament Ewropej adegwati u skemi ta' finanzjament imħallat għall-modernizzazzjoni tat-tarzni, modifiki retroattivi ekoloġiċi, it-tiġdid tal-flotta għal segmenti strateġiċi, bħal-laneċ, ir-raggruppamenti marittimi, il-fornituri marittimi tal-SMEs, il-bastimenti b'emissjonijiet żero u baxxi u t-trasformazzjoni diġitali tal-industriji marittimi.
53. JAPPOĠĠA l-esplorazzjoni ta' mekkaniżmu Ewropew iddedikat għat-tiġdid tal-flotot tal-passiġġieri u tar-RoPax li jaqdu l-gżejjer u r-reġjuni remoti, li jgħaqqad l-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni, tat-trasport, tal-klima u industrijali.

VI. AĊĊESS GĦALL-HILJET U IMPJIEGI TA' KWALITÀ

54. JIRRIKONOXXI li s-settur tat-trasport marittimu tal-UE qed jiġġabat ma' nuqqas ta' professjonisti tas-sengħa, forza tax-xogħol li qed tixjieġ u kundizzjonijiet tax-xogħol eżiġenti, li flimkien jaffettwaw ir-reżiljenza u l-kompetittività fit-tul tiegħu.
55. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati, inkluż baħħara u ħaddiema tat-tarzni, għall-kompetittività, l-innovazzjoni u r-reżiljenza, u JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi attirata u tinżamm forza tax-xogħol kwalifikata fis-setturi marittimi u tal-portijiet kollha, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-mobbiltà.
56. JENFASIZZA l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ marittimi, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol marittima kwalifikata u li tibqa' valida fil-futur; JIDDESKRIVI l-ħtieġa għal taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti tas-settur tal-bini u t-tiswija tal-bastimenti sabiex jiġu żviluppati ħiliet speċjalizzati ġodda u jiġu ssodisfati d-domandi moderni li jirriżultaw mill-adozzjoni u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi ta' propulsjoni, diġitali u ta' awtomatizzazzjoni; JAPPELLA għall-appoġġ ta' impjiegi ta' kwalità u ta' sodisfazzjon, li jagħmlu s-settur aktar attraenti; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' inizjattivi biex titqajjem kuxjenza u jiżdied l-interess taż-żgħażaġħ fl-industriji tal-bini tal-bastimenti u dawk marittimi.
57. JIMPENJA RUĦU li jżomm l-attraenza tas-settur marittimu tal-UE billi jadotta u jimplementa miżuri li jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-baħħara kollha, f'konformità sħiħa mal-istandards preskritti skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC, 2006) u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE.
58. JAPPELLA għal inizjattiva Ewropea kkoordinata dwar il-ħiliet marittimi, it-taħriġ mill-ġdid u l-eċċellenza vokazzjonali għall-ħaddiema tat-tarzni, l-inġiniera tal-baħar, l-elettriċisti, l-ispeċjalisti tal-awtomatizzazzjoni, it-tekniki tal-fjuwils alternattivi u l-baħħara.